MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 829/2004

SMS Insurance Agency Limited ghan-nom tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c.
vs
Albert Sciberras u martu Carmela Sciberras ghal kull interess li jista' jkollha

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici nomine li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici kienet harget polza ta' assigurazzjoni tat-tip Householder's Policy li kellha n-numru 00984 HHA 98007 li kienet tkopri l-fond ossia Boathouse bl-indirizz 1B, House 3, Tax-Xtut, Salina. Qawra u kontenut ta' l-istess skond kif specifikat fl-istess polza, liema polza kienet harget abbazi ta' talba ghall-assikurazzjoni *ossia proposal form* tal-konvenut datata l-20 ta' Jannar 1998 (kopja annessa mac-citazzjoni bhala Dok A):

Illi għall-mistoqsija 15 ta' l-istess *proposal form* il-konvenut kien wiegeb li qatt ma kellu telf, hsara jew dannu iehor fl-ahhar hames snin fil-kuntest tar-riskji li kien qed jipproponi li jigi assigurat;

Illi f'Jannar tas-sena 2002 kien irrizulta lis-socjeta` attrici li fil-fatt il-konvenut kien sofra minn sgass u serq mill-istess Boathouse ftit zmien qabel ma kien talab li jigi assigurat mis-socjeta` attrici. Illi din l-informazzjoni kienet inghatat mill-konvenuta stess nhar it-3 ta' Jannar 2002 meta kienet imliet *claim form* minhabba sgass u serq iehor mill-istess Boathouse (kopja anessa mac-citazzjoni bhala Dok B);

Illi ricentement kien irrizulta wkoll lill-istess socjeta` attrici li nhar it-18 ta' Dicembru 1997 l-istess konvenut kien irraporta lill-Pulizija hsarat ossia dannu li kien sofra fl-istess Boathouse assigurata mas-socjeta` attrici;

Illi dawn il-fatti kienu fatti materjali u sostanzjali li jincidu direttament fuq l-istima tar-riskju li jkollu jaghmel l-assiguratur qabel ma jaccetta t-talba ta' l-assigurat;

Illi s-socjeta` attrici ma kenitx tassigura lill-konvenut jew altrimenti ma kenitx tassigurah taht l-istess kundizzjonijiet kieku l-istess socjeta` kienet taf b'dawn il-fatti fil-mument li kienet accettat it-talba ghall-assigurazzjoni;

Is-socjeta` attrici nomine talbet lill-Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna inkluza d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien naqas milli jindika fatti materjali u sostanzjali li skond il-ligi kellhom jigu indikati fit-talba tieghu ghall-assigurazzjoni, joghgobha:

1. Tiddikjara li l-polza ta' assigurazzjoni tat-tip Householder's Policy li ghandha numru 00984 HHA 98007 li tkopri l-fond ossia Boathouse bl-indirizz 1B, House 3, Tax-Xtut, Salina, Qawra u kontenut ta' l-istess skond kif specifikat fl-istess polza, mahruga a favur tal-konvenut hija nulla u bla effett skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Eleonora Bondin, Senior Claims Clerk tas-socjeta` attrici li semmiet li s-socjeta` attrici kienet harget polza ta' assigurazzjoni tat-tip Householder's Policy li kellha n-numr 00984 HHA 98007 li kienet tkopri l-fond ossia Boathouse bl-indirizz 1B, House 3, Tax-Xtut, Salina, Qawra u kontenut ta' l-istess skond kif specifikat fl-istess polza, liema polza harget abbazi ta' talba ghall-assikurazzjoni ***ossia proposal form*** tal-konvenut datata l-20 ta' Jannar 1998. Illi ghall-mistoqsija 15 ta' l-istess ***proposal form*** il-konvenut kien wiegeb li qatt ma kellu telf, hsara jew dannu iehor fl-ahhar hames snin fil-kuntest tar-riskji li kien qed jipproponi li jigi assigurat. Illi f'Jannar tas-sena 2002 kien irrizulta lis-socjeta` attrici illi fil-fatt il-konvenut kien sofra minn sgass u serq mill-istess Boathouse ftit zmien qabel ma kien talab li jigi assigurat mis-socjeta` attrici. Illi din l-informazzjoni kienet inghatat mill-konvenuta stess nhar it-3 ta' Jannar 2002 meta kienet imliet ***claim form*** minhabba sgass u serq iehor mill-istess Boathouse. Illi ricentement kien irrizulta wkoll lill-istess socjeta` attrici li nhar it-18 ta' Dicembru 1997 l-istess konvenut kien irraporta lill-Pulizija hsarat ossia dannu li kien sofra fl-istess Boathouse assigurata mas-socjeta` attrici. Illi dawn il-fatti kienu fatti materjali u sostanzjali li jincidu direttament fuq l-istima tar-riskju li jkollu jaghmel l-assiguratur qabel ma jaccetta t-talba ta' l-assigurat. Illi s-socjeta` attrici ma kenitx tassigura lill-konvenut jew altrimenti ma kenitx tassigurah taht l-istess kundizzjonijiet kieku l-istess socjeta` kienet taf b'dawn il-fatti fil-mument li kienet accettat it-talba ghall-

assigurazzjoni. Dawn il-fatti jirrizultaw lil Eleonora Bondin personalment mir-***records*** tal-kaz.

Gie prezentat affidavit ta' Eleonora Bondin li fih issemma li kienet marret Carmena Sciberras ghandhom sabiex taghmel ***claim*** fuq il-polza numru 00984HHA98007 dwar allegat serq bi sgass mill-boat house numru 3, ta' Xtut Salina, il-Qawra assikurata permezz tal-istess polza. Skond il-***Claim Form*** Mrs. Sciberras kienet infurmathom li precizament qabel ma kienet giet assikurata mal-SMS Insurance Agency Ltd il-proprjeta` in kwistjoni kienet giet sgassata. Mill-***Claim Form*** irrizulta li Mrs. Sciberras infurmathom dwar dan. Irrizulta li dan l-incident ma kienx issemma fil-***proposal form*** u ghalhekk jigi li l-assikurat wiegeb fin-negattiv ghal domanda numru 15 tal-***proposal form***. Is-socjeta` attrici ccekkjat mal-Pulizija dwar dan l-incident nstab li kien sar rapport maghom mill-assikurat Albert Sciberras fit-18 ta' Dicembru 1997 li rraporta li kien sofra minn hsarat generali fil-boat house in kwistjoni. Is-socjeta` attrici ssostni li l-assikurat naqas li josserva l-obbligu tieghu li jindika l-fatti kollha materjali skond ma kien obbligat li jaghmel skond il-ligi.

Gie prezentat affidavit ta' Daniel Cachia, Insurance Sub Agent, tal-SMS Insurance Ageny Ltd li fih issemma li bhala sub-agent kien mela ***proposal form*** fil-presenza tal-assikurat Albert Sciberras u martu ghal ***householders policy*** bin-numru 00984HHA98007 skond l-informazzjoni li tawh l-assikurat Albert Sciberras u martu Carmela Sciberras. Hu staqsihom id-domandi skond l-istess formula u mmarkat l-istess formola skond it-twegibiet li tawh. Ikkonferma li Albert Sciberras u martu ghalkemm specificament mistoqsija wiegbu fin-negattiv ghad-domanda numru 15 li titlob informazzjoni dwar xi telf, dannu jew offiza minnhom sofferti tul l-ahhar hames snin.

Gie prezentat l-affidavit ta' Jonathan Abela li fih issemma li fit-3 ta' Jannar 2002 hu kien impjegat ma' SMS insurance Agency Ltd. F'din id-data kienet marret Carmela Sciberras l-ufficcju sabiex taghmel ***claim*** fuq il-polza numru 00984HHA98007 dwar allegat serq bi sgass mill-boathouse numru 3, Ta' Xtut, Salina, il-Qawra

assikurata permezz tal-istess polza. Fl-andament tal-mili ta' l-istess ***Claim Form*** Carmela Sciberras infurmatu li precisament qabel ma kienet giet assikurata mill-SMS Insurance Agency Ltd, il-proprjeta` in kwistjoni kienet giet sgassata. Fil-fatt skond kif jirrizulta millistess ***Claim Form*** ghall-ahhar domanda ta' l-istess, Carmela Sciberras indikat dan l-isgass u anke specifikat li f'dik l-okkazjoni kienu serqu xi oggetti fosthom radju. Hija stqarret ukoll li l-hallelin kienu kissru l-hgieg tal-bieb biex dahlu. Illi meta x-xhud ezamina l-proposal form tal-polza in kwistjoni irrizultalu li dan l-incident ma kienx gie indikat fil-***proposal form***, u dan minkejja li l-istess incident kien sehh biss madwar xahar qabel il-mili ta' l-istess proposal form. Mill-kontentut ta' l-imsemmija ***Claim Form*** u ***Proposal Form*** irrizulta li l-assiikurat kien naqas li josserva l-obbligu tieghu ta' ***Uberrima Fides*** stante li naqas li jindika fatt materjali u ghalhekk ix-xhud ma kellux ghazla ohra ghajr dik li jichad il-claim tal-assigurat.

Gie prezentat affidavit ta' WPC 193 Diane Cilia li fih issemma li hi kienet hadet ir-rapport tal-incident li sehh fit-18 ta' Dicembru 1997 fl-Ghassa tal-Qawra minghand Bertu Sciberras. Hi esebiet kopja tar-rapport u kkonfermat il-kontenut tieghu.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-konvenut assikura l-fond ossia Boathouse bl-indirizz 1B, House 3, Tax-Xtut, Salina, Qawra permezz ta' talba ghall-assikurazzjoni ossia ***proposal form*** datata 20 ta' Jannar 1998. Illi rrizulta lis-socjeta` attrici, li kuntrarju ghal ma kien gie dikjarat mill-konvenut waqt il-mistoqsijiet biex tintela din il-proposal, fit-18 ta' Dicembru 1997 il-konvenut kien irraporta lill-Pulizija hsarat ossia dannu li kien sofra fl-istess boathouse assigurata mas-socjeta` attrici. Illi s-socjeta` attrici pprocediet bil-kawza odjerna sabiex il-polza mahruga favur tal-konvenut tigi dikjarata nulla u bla effett.

Gie osservat li l-konvenut ghalkemm notifikat naqas milli jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet. Il-konvenut baqa' kontumaci.

Dan peress li huwa akkolt fil-gurisprudenza nostrana illi:

"l-istitut tal-kontumacja huwa bbazat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera kontumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bic-citazzjoni, u hija din id-disubbidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik, hi element ta' disordni socjali."
(ara **Joseph Vella proprio et nomine vs John Vella,** Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993).

Minn dan isegwi li, "l-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hix gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut." (Ara **Giuseppe Wismayer vs Giovanni Magro,** Qorti tal-Kummerc, 24 ta' Novembru 1934. Una volta li l-kontumacja ma tfissirx ammissjoni, imma tfisser kontestazzjoni "l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tieghu u l-premessi ghalihom." (Ara **Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine,** Appell, 27 ta' Marzu 1996.

Ma hemmx dubju li fil-***proposal form*** iffirmata mill-konvenut, ir-risposta ghall-klawsola hmistax (15) (a fol 7 u 43 a tergo), kienet fin-negattiv. Illi rrizulta li dan ma kienx minnu. Dan gie kkonfermat permezz tax-xhieda ta' WPC 193 Diane Cilia li kienet hadet ir-rapport fl-Ghassa tal-Qawra ta' l-incident li sehh fil-boathouse tal-konvenuti (a fol 48 sa 51). Fil-kaz in ezami, Daniel Cachia bhala ***sub-agent*** tal-kumpanija tas-Sigurta` xehed u kkonferma li l-konvenuti wiegbu fin-negattiv ghad-domanda numru 15 li titlob informazzjoni dwar xi telf, jew dannu soffert fil-proprjeta in kwistjoni, tul l-ahhar hames snin (a fol 26).

Illi hekk kif gie dikjarat fil-kawza **Antonio Zammit vs Joseph Micallef nomine** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Jannar 1952:
"Il-"proposal form" hija parti integrali tal-polza ta' l-assikurazzjoni; u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza."

Illi informazzjoni dwar danni sofferti fi proprjeta` li tkun ser tigi assikurata hija wahda mill-elementi tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni; ghax dan huwa element li jinfluwixxi fuq ir-riskju u fuq claims finanzjarji li jistghu isiru kif inghad fil-

gurisprudenza Taljana (ara sent Rep.**Navarini u Vedani** comm. Art. 429, para. 65):
"Il proponenete un contratto di assigurazione assume intera responsabbilita` per la dichiarazione contenute nella proposta che e parte integrale della polizza, anche se non scritta di suo pugno."

U proprju fil-parti tal-polza, hemm imnizzel:
"We agree that this proposal and any additional information supplied shall be the basis of the contract between us and the Ecclesiastical Insurance Office p.l.c."
(a fol 7). Hekk kif gie ribadit fil-kawza citata hawn fuq:
"….hu risaput li l-kuntratt ta' l-assikurazzjoni hu *"uberrimae fidei"*, u ghandha ghalhekk issir mill-assikurat lill-assikuratur *"complete disclosure"* ta' kull ma jinfluwixxi fuq ir-riskju (Porter, ibidem, pag.8).

Il-Qorti tirritjeni li kien hemm dikjarazzjoni inkorretta mill-konvenut fil-kaz taht ezami. Dan ghaliex il-konvenut messu ftakar li kien biss sena qabel li mar jaghmel rapport fl-ghassa tal-Qawra fir-rigward ta' danni sofferti fil-boathouse assikurata. Illi hekk kif qal l-awtur Porter, doc. cit, p.162:
"If representations are made part of the policy they become warranties; and if they are untrue, the policy will be avoided, ven if the loss has not arisen from the fact concealed or misrepresented."

Intqal ukoll fil-gurisprudenza Taljana (loc.cit., para. 64):-
"L'omessa dichiarazione nella polizza di una circostanza aggravante il rischio importa irremissibilmente la nullita` della assicurazione."

Dan kollu jwassal ghall-fatt li jekk fil-***proposal form*** jigi moghti dettal li ma jikkorrispondix mal-fatti, il-kumpanija assikuratrici ma hix responsabbli ghall-hsara li tista' tigri lill-proprjeta` assikurata, u dan ghaliex dik l-indikazzjoni hazina tinvalida l-polza tas-sigurta`. Illi fil-polza stess hemm dikjarat li:
"Relevant facts must be disclosed. Failure to do so may result in the policy being inoperative."

(a fol 6). F'dan il-kuntest allura, jekk l-istatements tal-proposal ma jkunux veri, il-polza hi invalidata.

Dan il-principju gie spjegat ukoll f'**Birds' Modern Insurance Law** – pg 101 –102:
"the contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberimae fidei that is, of the utmost godd faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to eachother before the contract is concluded information that is material"…….The basic effect of this duty can be stated quite simply. An applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer, prior to the conclusion of the contract, but only up to this date, all material facts within this knowledge, which the latter does not or is deemed not to know. A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract 'ab initio', and upon avoidance it is deemed never to have existed. The insurer must avoid within a reasonable time of becoming aware of the non-disclosure."
(Ara wkoll, **Dr. Gerald Montanaro Gauci vs Alex Agius Cesareo et** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fit-31 ta' Jannar 2002, u **Anthony Vassalo vs Alfred S. Azzopardi nomine** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fil-21 ta' April 1999).

Illi infatti fis-sentenza **Michael Bertuello vs Victor Cordina pro et nomine,** Appell Kummercjali deciz fil-11 ta' Lulju 1994, inghad li:
"hu principju bazilari tal-ligi civili li l-kuntratti kollha ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi. Dan japplika aktar u aktar fil-kuntratt ta' assikurazzjoni fejn il-ligi tesigi miz-zewg partijiet kontraenti 'uberima fides'.

Illi din l-istess regola giet spjegata fil-kaz **Carter vs Boehm** (1766) 3 Burr. 1905 at 1909) meta **Lord Mansfield** spjega li:
"Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie mostly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation, and proceeds upon the confidence that he does not keep back any

circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist.”

Illi rigward dak li huwa materjali ghall-finijiet tal-hrug tal-polza, jigi rilevat li l-informazzjoni rikjesta fil-***proposal form*** ghandha titqies li hija dejjem materjali, stante l-importanza li l-istess assiguratur ikun qed jaghti lil tali dettal jew domanda, ghalix altrimenti kieku ma kinitx tkun inkluza fl-istess ***proposal form***, pero` gie stabbilit ukoll li:
“a fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgement of a reasonable or prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge or possibly, whether to impose particular terms in the contracts such as, exclusion or an excess.”

(**Birds’ Modern Insurance Law –** pg.100 – Law Commission Report No. 104 para.4.48).

Illi ghalhekk abbazi ta’ dak fuq espost, jirrizulta li t-talba tas-socjeta’ attrici ghandha tigi milqugha stante li l-attur naqas da parti tieghu li jaghti lill-assikuratur fatti materjali u importanti direttament rikjesti lilu fil-***proposal form*** u huwa ma osservax il-principju ta’ ***uberimae fides*** li jirregola l-kuntratt ta’ assikurazzjoni u ghalhekk tali kuntratt ta’ assikurazzjoni ghandu u qed jigi dikjarat bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi ssib li t-talbiet attrici huma gustifikati u tiddikjara li l-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip ***Householder’s Policy*** li ghandha numru 00984 HHA 98007 li tkopri l-fond ossia ***Boathouse*** bl-indirizz 1B, House 3, Tax-Xtut, Salina, Qawra u kontenut ta’ l-istess skond kif specifikat fl-istess polza, mahruga a favur tal-konvenut hija nulla u bla effett skond il-ligi.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------